Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,631, 25 ta' Mejju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXIII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602.

ACT No. XXIII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Minor Protection (Alternative Care) Act, Cap. 602.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

25 ta' Mejju, 2021

ATT Nru XXIII tal-2021

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 602.

Emenda ġenerali tal-Att prinċipali.

2. L-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Direttur (Protezzjoni Minuri)" kull fejn jidhru għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal"; u

(b) il-kliem "Direttur (Ħarsien Alternattiv)" kull fejn jidhru għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira "kuntratt soċjali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "linji gwida dwar ir-responsabbiltajiet ta' ġenitur" tfisser direzzjonijiet mogħtija lill-ġenitur jew ġenituri tal-minuri fuq dak li hu meqjus bħala li jikkostitwixxi ħsara sinifikanti, fuq metodi aħjar ta' kif wieħed għandu jaġixxi bħala ġenitur u, jew jiddixxiplina lill-minuri u fuq dik l-imġiba tal-ġenitur quddiem il-minuri li hija mistennija jew le;".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (6) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, il-kliem "u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun jista' wkoll jillimita l-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) u mill-uffiċjali delegati skont is-subartikolu (3)" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "reat kriminali fuq minuri" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ikollu għarfien li minuri għandu bżonn ta' ħarsien u protezzjoni";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) u l-kliem "jonqos milli jagħmel rapport" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jonqos milli jieħu azzjoni inkluż li jagħmel rapport meta dan huwa neċessarju kif"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Meta rapport ikun dwar minuri li qiegħda tistenna tarbija u li għandha bżonn ta' kura u protezzjoni, għandu jsir kull tentattiv sabiex l-omm minorenni u t-tarbija jibqgħu flimkien wara t-twelid, sakemm ma jkunx raġonevolment ċar li dan ikun kontra l-aħjar interessi tat-tarbija.".

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ħsara sinifikanti" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew li l-minuri għandu bżonn ta' ħarsien u protezzjoni";

(b) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafi (f) u (g) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (g) u (h)

rispettivament; u

(ii) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) jidentifika kura alternattiva inkluż jekk il-minuri jistax jitqiegħed ma' qraba tal-familja sakemm dan ma jkunx raġonevolment ċar li dan ikun kontra l-aħjar interessi tal-minuri. Għandu jsir kull tentattiv sabiex omm minorenni u t-tarbija tagħha jibqgħu flimkien u sabiex aħwa jinżammu flimkien:

Iżda sabiex minuri jkun jista' jitqiegħed ma' qraba tal-familja, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu s-setgħa li jitlob b'mod immedjat, il-kondotta tal-qarib li miegħu se jitqiegħed il-minuri u ta' kull adult li jkun qiegħed jirrisjedi miegħu, mingħand l-awtorità kompetenti.".

7. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "(Protezzjoni Minuri) għandu" għandhom jiżdiedu l-kliem "jaħtar ħaddiem soċjali ewlieni jew jista'"; u

(b) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi mħassar.

8. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali, il-kliem "involuti fil-każ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-professjonisti li jkunu qegħdin isegwu lill-ġenituri u, jew lill-minuri u kull persuna oħra involuta fil-ħarsien u l-protezzjoni tal-imsemmi minuri". Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

9. Fl-artikolu 14 tal-Att prinċipali, il-kliem "Mingħajr ħsara għal kull dispożizzjoni taħt l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni jew ta' kull liġi oħra, il-Qorti għandha kompetenza biex tisma' u tiddeċiedi l-każijiet kollha li skont dan l-Att mhumiex kompetenza ta' xi organu ieħor mwaqqaf taħtu:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-Qorti għandha kompetenza biex tisma' u tiddeċiedi l-każijiet kollha li skont dan l-Att mhumiex kompetenza ta' xi organu ieħor imwaqqaf taħtu u sabiex tagħmel dan, il-Qorti tal-Minorenni għandha titqies li hi Qorti tal-Maġistrati b'kompetenza ċivili u għandha titqies li għandha ġuriżdizzjoni ċivili biex tieħu konjizzjoni ta' proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' tfal u żgħażagħ skont dan l-Att:". Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

10. Fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali, il-kliem "ħaġa rilevanti oħra" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħaġa oħra rilevanti". Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tiegħu l-kelma "talba" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "talbiet";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "tmienja u erbgħin siegħa" għandhom jiżdiedu l-kliem "u għandha tordna n-notifika tar-rikors lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, li jkollhom sad-data tal-ewwel seduta sabiex jippreżentaw risposta";

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(d) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) u għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "lill-ġenituri tal-minuri, lill-Avukat tat-Tfal nominat minnha kuratur *ad litem"* għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, lill-Avukat tat-Tfal nominat minnha";

(ii) fl-ewwel proviso tiegħu l-kliem "msemmija fis-subartikolu (5)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "msemmija fis-subartikolu (4)";

(iii) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll fl-ewwel seduta l-Qorti għandha taħtar kuraturi skont l-artikolu 930 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirrappreżentaw lill-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, meta l-istess ġenitur jew ġenituri ma jkunux ġew notifikati bl-avviż tas-smigħ, kemm-il darba l-Qorti jkollha quddiemha riferta negattiva skont l-artikolu 188 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-istess ġenitur jew ġenituri jistgħu jiġu intraċċati, lokalizzati jew misjuba u notifikati. Il-Qorti għandha wkoll taħtar kuraturi mingħajr il-bżonn ta' tentattiv ta' notifika meta miċ-ċirkostanzi tal-każ, mhuwiex possibbli li l-ġenitur jew ġenituri jiġu intraċċati, lokalizzati jew misjuba jew ma jistgħux ikunu parti fil-kawża. Il-proċedura tal-ħruġ tal-bandi kif meħtieġa skont l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandhiex ixxekkel is-smigħ kif provdut fl-artikolu 18(4). Meta tidher persuna li toffri ruħha li taċċetta l-ħatra ta' kuratur wara l-ħruġ tal-bandi, tista' tiġi konfermata bħala kuratur tal-ġenituri mill-Qorti skont l-artikolu 933 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.";

Kap. 12.

(iv) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Fl-ewwel seduta, il-Qorti għandha tara li l-partijiet kollha ġew notifikati jew huma rappreżentati skont l-artikolu 18(4) u għandha tagħti provvedimenti proviżorji dwar ir-residenza, kura u kustodja u aspetti relattivi għall-minuri.";

(e) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Il-Qorti għandha, matul l-ewwel seduta jew fit-tieni kemm-il darba kuratur jiġi appuntat skont is-subartikolu (4), tisma' t-talba tad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, il-provi li jsaħħu dik it-talba, u jekk tħoss li jkun xieraq, lill-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, lill-Avukat tat-Tfal u, jekk applikabbli, lit-tutur u, jew kuratur:

Iżda meta l-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ jew il-kuratur *ad litem* tagħhom iħossu li jistgħu jirribattu allegazzjoni fil-konfront tagħhom permezz tal-produzzjoni ta' xhieda u sottomissjonijiet, huma għandhom jitħallew iħarrku x-xhieda jew iressqu 'l quddiem kull tip ta' prova jew sottomissjoni oħra rilevanti:

Iżda wkoll għandu jsir kull sforz raġonevoli sabiex il-Qorti tisma' l-provi f'dik is-seduta iżda għal raġuni xierqa, il-Qorti tista' tkompli tisma' l-provi f'seduti sussegwenti.";

(f) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (7) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Meta l-Qorti tkun semgħet il-provi kollha neċessarji, u meta neċessarju t-trattazzjoni tal-kawża mill-partijiet u tkun sodisfatta li t-talbiet huma ġustifikati, il-Qorti għandha taġġorna l-każ għal data oħra, li ma tkunx aktar tard minn xahrejn (2) mid-data tal-ewwel smigħ ta' dik is-seduta, u d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jipprepara pjan ta' ħarsien sa dik id-data:";

(ii) fl-ewwel proviso tiegħu l-kliem "Il-Qorti għandha, wara li tikkonsulta mad-Direttur (Ħarsien Alternattiv)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti tista' ssejjaħ u tikkonsulta mad-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) sabiex"; u

(iii) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi mħassar;

(g) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (9) u għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "f'idejn terzi persuni." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'idejn terzi persuni:"; u

(ii) minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-Qorti tawtorizza ordni jew ordnijiet hekk kif rakkomandat mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal skont dan l-artikolu, kopja tad-deċiżjoni finali għandha tiġi notifikata lill-partijiet u l-każ għandu jiġi riferut lill-Bord ta' Reviżjoni fi żmien mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol."; u

(h) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Meta l-pjan ta' ħarsien jiġi ppreżentat skont l-artikolu 13(4), dan għandu jiġi minnufih innotifikat lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ jew lill-kuratur li jkun qiegħed jirrappreżentahom, u dawn ikollhom sad-data tas-smigħ mogħtija mill-Qorti sabiex jippreżentaw risposta.".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

12. L-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kelma "tagħmel" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tawtorizza";

(ii) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a)(i) u għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a)(i) ordni ta' ħarsien għall-benessere li permezz tagħha tafda l-kura u kustodja lil dik il-

persuna jew entità li taħdem fil-qasam soċjali li l-Qorti jidhrilha xierqa meta l-imsemmi minuri jitqies bħala li jkun sofra jew li kien f'riskju jsofri ħsara sinifikanti jew jitqies li għandu bżonn ta' ħarsien u protezzjoni;"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (a)(i) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ii) ordni ta' ħarsien korrettiva meta minuri juri mġiba diffiċli liema mġiba tkun jew kienet ta' ħsara għall-minuri stess jew għall-ħaddieħor jew meta l-minuri għandu bżonn ta' protezzjoni u kontroll liema protezzjoni u kontroll il-minuri mhux se jirċievi b'mod alternattiv:

Iżda meta hu neċessarju bħala parti mill-bżonn tal-minuri għall-protezzjoni u l-kontroll illi l-libertà tal-moviment tal-minuri tkun ristretta, il-Qorti għandha tirrevedi ċ-ċirkostanzi u l-progress tal-minuri minn tal-inqas darba fix-xahar, għandha tisma' l-professjonisti li jkunu qegħdin jaħdmu mal-minuri u, jew tirrevedi r-rapport tagħhom u għandha tirrevedi l-kundizzjonijiet imposti skont kif jidhrilha xieraq.";

(iv) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) ordni ta' trattament li tordna lill-ġenitur jew ġenituri tal-minuri jew lill-persuna li qiegħda tieħu ħsieb lill-minuri jew lill-minuri sabiex:

(i) jirċievu kura għall-abbuż minn sustanzi jew abbuż mill-alkoħol; jew

(ii) isegwu programmi sabiex jindirizzaw il-vjolenza domestika; jew

(iii) isegwu taħriġ relatat mal-ħiliet tal-ġenituri; jew

(iv) jirċievu terapija dwar relazzjonijiet ma' oħrajn; jew

(v) jirċievu kura psikjatrika jew psikoloġika; jew

(vi) jirċievu kura jew għajnuna li l-Qorti, wara li tisma' l-esperti fil-qasam, jidhrilha xieraq li timponi; jew"; u

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) il-fehmiet tal-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ;".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ħsara sinifikanti" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew meta ma hemm l-ebda kustodju legali sabiex jieħu ħsieb lill-minuri";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "Fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Mingħajr dewmien u f'kull każ mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin (48) siegħa";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Id-digriet provviżorju mogħti mill-Maġistrat skont dan l-artikolu għandu jiġi notifikat minnufih lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, lill-Pulizija Eżekuttiva, lill-Avukat tat-Tfal maħtur, lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ), lill-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, u jekk applikabbli, lit-tutur u, jew kuratur:

Iżda meta fil-mument tat-tneħħija tal-minuri, hemm ġenitur wieħed magħruf minn jew intraċċat mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, il-proċedimenti għandhom jiġu ppreżentati kontra dak il-ġenitur u l-Maġistrat tal-Għassa għandu jappunta kuraturi skont l-artikolu 930 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirrappreżenta lill-ġenitur l-ieħor. Il-proċedura tal-ħruġ tal-bandi kif meħtieġa skont l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandhiex ixxekkel is-smigħ kif provdut taħt is-subartikolu (6) tal-artikolu 20:

Kap. 12.

Iżda wkoll meta mhux possibbli li ż-żewġ ġenituri jiġu intraċċati, lokalizzati jew misjuba jew ma jistgħux ikunu parti mill-kawża, il-Maġistrat tal-Għassa għandu jappunta kuraturi skont l-artikolu 930 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirrappreżentaw liż-żewġ ġenituri. Il-proċedura tal-ħruġ tal-bandi kif meħtieġa skont l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandhiex ixxekkel is-smigħ kif provdut taħt is-subartikolu (6) tal-artikolu 20.";

Kap. 12.

(d) is-subartikolu (12) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(12) Il-Qorti għandha, malli tirċievi r-rapport u l-pjan ta' ħarsien imsemmija fis-subartikoli (10) u (11), tistabbilixxi data li ma tkunx aktar tard minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta jkunu ppreżentati r-rapport u l-pjan ta' ħarsien biex tisma' lid-Dirtettur għall-Ħarsien tat-Tfal, lill-ġenitur jew ġenituri tal-minuri, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, lill-Avukat tat-Tfal, lit-tutur u, jew kuratur meta applikabbli, u lil kull persuna jew persuni oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq:

Iżda l-pjan ta' ħarsien għandu jiġi notifikat mingħajr dewmien lill-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ jew lill-kuraturi li jkunu qed jirrappreżentawhom, li jkollhom sad-data tas-smigħ mogħtija mill-Qorti sabiex jippreżentaw risposta."; u

(e) il-proviso tas-subartikolu (13) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-Qorti tiddeċiedi fuq dik l-ordni jew ordnijiet rakkomandati mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal taħt dan l-artikolu, kopja tad-deċiżjoni finali għandha tiġi notifikata lill-partijiet u l-każ għandu jiġi riferut lill-Bord ta' Reviżjoni fi żmien mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol.".

14. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li

Sostituzzjoni tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

ġej:

"Minuri mhux akkumpanjati.

21. (1) Kull persuna li tiġi f'kuntatt ma' kwalunkwe persuna li tiddikjara li hi minuri mhux akkumpanjat għandha tirreferi lil dak il-minuri lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li għandu jinnotifika lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex dan tal-aħħar jirreġistra dak il-minuri u biex joħroġ dokument ta' identità għal dak il-minuri fi żmien tnejn u sebgħin (72) siegħa:

Iżda fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att, kif jirrigwardaw lill-minuri mhux akkumpanjati, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jitlob il-kooperazzjoni tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil imwaqqfa skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil:

L.S. 217.11.

Iżda wkoll dik il-kooperazzjoni għandha sseħħ skont ftehim li jista' jintlaħaq bejn id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u dak l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv liema ftehim jista' jinkludi delega tar-responsabbiltajiet u l-poteri mogħtija lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal taħt dan l-Att.

(2) Id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu, minnufih wara li l-minuri jkun reġistrat u jinħarġulu d-dokumenti ta' identifikazzjoni opportuni, jitlob lill-Qorti sabiex tipprovdi kwalunkwe miżuri proviżorji kif jipprovdi l-artikolu 18(3) dwar il-kura u kustodja tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u fl-aħjar interess tal-minuri u għandha tappunta rappreżentant sabiex jassisti lill-minuri fil-proċeduri msemmija taħt l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

Kap. 420.

(3) Il-persuna jew entità li tkun ġiet fdata bil-kura u kustodja tal-minuri u r-rappreżentant maħtur mill-Qorti għandhom ikunu responsabbli biex jassistu u jappoġġaw lill-minuri mhux akkumpanjat u b'mod partikolari għandhom:

(a) jidentifikaw il-persuni jew l-entitajiet li hemm bżonn ikunu involuti fil-kura, kustodja u protezzjoni tal-minuri;

(b) jikkordinaw l-isforzi ta' dawk il-persuni jew entitajiet identifikati minnhom;

(ċ) jiżguraw li l-minuri jkun offrut kura, akkomodazzjoni, edukazzjoni u kura medika, kif ikun xieraq u mingħajr dewmien u sa fejn hu possibbli l-minuri m'għandux jitqiegħed f'post ta' detenzjoni jew jiġi akkomodat ma' persuni li mhumiex minuri;

(d) jiżguraw li l-minuri jkollu rappreżentanza u assistenza legali u ġuridika xierqa fir-rigward tal-istatus ta' residenza tiegħu, it-talba tiegħu għall-asil, jew għal xi proċeduri legali jew amministrattivi oħra, inkluż dawk għall-amministrazzjoni tal-patrimonju tiegħu;

(e) jiżguraw li kull deċiżjoni dwar il-minuri tittieħed fl-aħjar interessi tiegħu;

(f) jippreżentaw il-fehmiet tal-minuri quddiem xi qorti jew xi awtorità amministrattiva;

(g) jipprovdu spjegazzjonijiet lill-minuri dwar il-proċeduri li jkunu għaddejjin u jipprovdu lill-minuri b'kull informazzjoni oħra relevanti; u

(h) jattendu flimkien mal-minuri u, jew li jirrappreżentaw lill-minuri matul il-proċess tal-assessjar tal-età li jinżamm mill-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil u kull investigazzjoni u evalwazzjoni oħra li ssir skont is-subartikolu (4).

(4) Id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jirreferi lill-minuri mhux akkumpanjat lill-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn tal-aħħar jistgħu jagħmlu dawk l-investigazzjonijiet u evalwazzjonijiet li jkun jidhrilhom li huma xierqa biex jiddeterminaw jekk huwiex minuri mhux akkumpanjat u sabiex jirrintraċċaw il-familja tiegħu, jekk dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri u ma jkunx ta' preġudizzju għad-drittijiet fundamentali tal-istess minuri mhux akkumpanjat.

(5) Meta jirċievi l-konklużjonijiet tal-investigazzjonijiet u evalwazzjonijiet mingħand awtoritajiet kompetenti, li jistabbilixxu li l-applikant huwa fil-fatt minuri mhux akkumpanjat, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu, b'rikors, jagħmel talba lill-Qorti biex toħroġ ordni għall-protezzjoni skont dan l-Att u għandu jipprepara pjan ta' ħarsien li għandu jiġi ppreżentat mal-imsemmi rikors:

Iżda meta l-investigazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li r-rikorrent mhuwiex minuri mhux akkumpanjat, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu, b'rikors, jitlob lill-Qorti sabiex tirrevoka l-ewwel digriet tagħha u tipprovdi skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

(6) Jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-minuri indikat huwa fil-fatt minuri mhux akkumpanjat u tkun sodisfatta li l-pjan ta' ħarsien ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-minuri, il-Qorti għandha tawtorizza ordni għall-protezzjoni, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet oħra li l-Qorti jista' jidhrilha xierqa li timponi inkluż li tafda lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil jew lil awtorità jew entità kompetenti oħra bil-kura u kustodja tal-minuri skont kif il-Qorti jidhrilha xieraq u dan mingħajr il-bżonn li jiġi appuntat smigħ.

(7) Jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li l-minuri indikat huwa fil-fatt minuri mhux akkumpanjat jew ma tkunx sodisfatta li l-pjan ta' ħarsien huwa wieħed xieraq, għandha tappunta s-smigħ tar-rikors fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol u fl-istess digriet, il-Qorti għandha tappunta kuraturi skont l-artikolu 930 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirrappreżentaw liż-żewġ ġenituri. Il-proċedura tal-ħruġ tal-bandi kif meħtieġ skont l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandhiex ixxekkel is-smigħ:

Kap. 12.

Kap. 12.

Iżda matul dik is-seduta għas-smigħ, il-Qorti għandha tisma' t-talba, il-provi li jsaħħu dik it-talba, lill-persuna jew entità fdata bil-kura u kustodja tal-minuri u lir-rappreżentant appuntat, lill-kuraturi *ad litem* u lil kull persuna jew persuni oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq u għandha sussegwentement tgħaddi sabiex tagħti deċiżjoni finali dwar l-ordni għall-protezzjoni bla ħsara għal kwalunkwe kondizzjonijiet oħra li l-Qorti jista' jidhrilha xierqa li timponi inkluż li tafda lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil jew lil awtorità jew entità kompetenti oħra bil-kura u kustodja tal-minuri li l-Qorti jidhrilha xieraq.

(8) Malli l-Qorti toħroġ ordni għall-protezzjoni kif imsemmi fis-subartikolu (7), il-Qorti għandha mbagħad tirreferi l-każ lill-Bord ta' Reviżjoni għar-reviżjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att sakemm il-pjan ta' ħarsien ippreżentat mar-rikors ma jipprovdix għar-rilokazzjoni tal-minuri matul l-ewwel erba' (4) xhur minn meta tiġi awtorizzata l-ordni għall-protezzjoni:

Iżda meta l-pjan ta' ħarsien jipprovdi għar-rilokazzjoni tal-minuri, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu, sa mhux aktar tard minn erba' (4) xhur minn meta tiġi awtorizzata l-ordni għall-protezzjoni, b'rikors, jagħmel talba lill-Qorti sabiex tirrevoka l-ordni għall-protezzjoni u tawtorizza r-rilokazzjoni jew sabiex tirreferi l-każ lill-Bord ta' Reviżjoni għar-reviżjonijiet skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda wkoll meta l-każ jiġi riferut lill-Bord ta' Reviżjoni kif indikat fl-ewwel proviso, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jappunta l-każ għall-ewwel reviżjoni tiegħu fi żmien mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol.".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

15. L-artikolu 22 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Bord ta' Reviżjoni" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew kif joħroġ minn dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att";

(b) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) tiegħu l-kelma "ġenituri" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ"; u

(ċ) il-paragrafu (e) tas-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) il-kapaċità tal-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ tal-minuri li jipprovdu livell xieraq ta' ħarsien għall-minuri u li jipprovdu stabbiltà, prevedibbiltà u permanenza li tkun relazzjonali, fiżika u legali; u".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) is-subartikoli (3), (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3) u (4) rispettivament;

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid

għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Qorti, meta miċ-ċirkostanzi tal-każ ikun evidenti li ma hemmx prospetti raġonevoli għall-integrazzjoni mill-ġdid jew għall-unifikazzjoni mill-ġdid tal-minuri mal-ġenitur jew ġenituri, tista' tagħti d-digriet imsemmi fis-subartikolu (1) fuq rikors tad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, magħmul flimkien ma' talba għal ordni għall-protezzjoni u mal-istess rikors id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu wkoll jippreżenta l-pjan ta' permanenza alternattiv għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti:"; u

(ii) fil-proviso tas-subartikolu, minnufih wara l-kliem "artikolu 33(7)" għandhom jiżdiedu l-kliem "u f'dak il-każ, il-pjan ta' permanenza alternattiv għandu jkun ippreparat mid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u ppreżentat għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni.";

(d) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(e) s-subartikoli (7) u (8) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (6) u (7) rispettivament.

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "tal-Aġenzija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tad-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)"; u

(ii) fil-verżjoni bl-Ingliż, il-kelma "given" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "freed";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "tal-Aġenzija", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tad-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)";

(ċ) il-proviso għas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda jekk fost il-persuni identifikati bħala ġenituri adottivi prospettivi jkun hemm il-carers alternattivi, id-

Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu, dejjem jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, jagħti preferenza lil dawk il-carers.";

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) u l-kliem "ġenituri tal-minuri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ";

(e) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Flimkien mar-rikors, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jippreżenta pjan ta' ħarsien aġġornat li jipprovdi wkoll rakkomandazzjonijiet fuq it-tkomplija ta' kura lill-minuri kemm jekk hux mill-ġenituri adottivi prospettivi jew mill-*carers* alternattivi sakemm jiġu identifikati *carers* oħra skont il-pjan ta' ħarsien kif ukoll fuq it-tranżizzjoni għal kura tal-*carers* prospettivi meta dawn jiġu identifikati, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' liġijiet oħra li jirregolaw l-adozzjoni.";

(f) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-verżjoni bl-Ingliż, fis-subartikolu (5) tiegħu l-kelma "given" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "freed";

(ii) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż tiegħu l-kelma "given" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "freed"; u

(b) minnufih wara l-kelma "adozzjoni" għandhom jiżdiedu l-kliem "u professjonisti li jsegwu u jagħtu appoġġ lill-minuri";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "ġenituri tal-minuri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ";

(iv) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "li tqis rilevanti;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li tqis rilevanti:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-istess Avukat tat-Tfal li jkun ġie

appuntat sabiex jirrappreżenta lill-minuri waqt il-proċeduri sabiex tiġi awtorizzata ordni għall-protezzjoni tal-minuri, għandu wkoll jirrappreżenta lill-minuri quddiem il-Qorti waqt is-seduta appuntata skont is-subartikolu (4), sakemm ma jkunx hemm raġuni xierqa li ma tippermettix dan;";

(v) fil-verżjoni bl-Ingliż, fil-paragrafu (e) tiegħu l-kelma "giving" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "freeing";

(vi) fil-paragrafu (f) tiegħu, minnufih wara l-kelma "minuri" għandhom jiżdiedu l-kliem "fil-futur prevedibbli"; u

(vii) fil-paragrafu (g) tiegħu l-kelma "ġenituri" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ"; u

(g) fis-subartikolu (7) tiegħu l-kelma "Aġenzija" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)".

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "jinħatar mill-ġdid." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jinħatar mill-ġdid:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Ministru jista', skont l-esiġenza, jaħtar Bord Addizzjonali, liema Bord għandu jitmexxa mill-istess Chairperson u jkun l-istess Chairperson illi jassenja l-każijiet bejn il-Bordijiet. Każ għandu jibqa' jiġi segwit mill-istess Bord sakemm mhux għal raġuni valida li għandha titniżżel fid-deċiżjoni tal-Bord sabiex jittrasferixxi l-każ. Il-Bordijiet għandhom jiltaqgħu fi ġranet differenti. Il-Bord Addizzjonali għandu jiġi kostitwit u għandu jimxi bl-istess proċeduri skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kliem "bħala membru." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bħala membru:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda persuna m'għandhiex tikkwalifika jew għandha titneħħa minn dan il-Bord jekk tkun instabet li dik il-persuna ma ħarsitx l-interess tal-minuri minn xi Awtorità jew Bord ta' Inkjesta."; u

Verżjoni Elettronika

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kelma "ħamsa" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "erbgħa" u minnufih wara l-kelma "sempliċi" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u f'każ ta' voti ndaqs, iċ-Chairperson ikollu l-vot deċiżiv".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

19. Il-proviso għas-subartikolu (3) tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta jkun hemm il-ħtieġa li jinstema' minuri l-Bord għandu jiltaqa' fil-postijiet stabbiliti skont l-artikolu 15 jew f'dak il-post li hu mejqus bħala li joffri ambjent sigur u adattat għall-minuri.".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

20. Fis-subartikolu (8) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali, il-kliem "u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun jista' wkoll jillimita l-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat mid-Direttur (Ħarsien Alternattiv)" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikoli 24, 36, 37(c), 37(f), 38, 39, 40, 42, 44, 49, 50, 51, 52, 53, 55, 56, 57, 58, 59, 61, 62, 76 u 78 tal-Att prinċipali.

21. Fl-artikoli 24, 36 tat-test Ingliż, 37(ċ) fejn hemm il-kliem "ilment kontra l-Aġenzija", 37(f), 38, 39, 40, 42, 44, 49, 50, 51, 52, 53, 55, 56, 57, 58, 59, 61, 62, 76 u 78 tal-Att prinċipali, il-kelma "Aġenzija", kull fejn tidher, għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)".

Emenda tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali.

22. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali, il-kliem "u ma jistax jiċħad lil ħaddiem soċjali milli jidħol fir-residenza ordinarja tiegħu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem ". Kemm-il darba l-ħaddiem soċjali jiġi mċaħħad milli jidħol fir-residenza ordinarja tiegħu, dan il-fatt jista' jikkonstitwixxi raġuni suffiċjenti sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi miċħuda.".

Emenda tal-artikolu 50 tal-Att prinċipali.

23. Fil-verżjoni bl-Ingliż, fl-artikolu 50 tal-Att prinċipali, il-kelma "pairing" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "matching".

Emenda tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali.

24. Fis-subartikolu (4) tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali, il-kelma "prospettiv" għandha tiġi mħassra.

Emenda tal-artikolu 53 tal-Att prinċipali.

25. Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 53 tal-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "interessi tal-minuri" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", diment li ma jkunx ta' periklu jew theddid għas-sigurtà tal-foster carers jew carer alternattiv".

Emenda tal-artikolu 55 tal-Att prinċipali,

26. Fil-verżjoni bl-Ingliż, il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 55 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) match foster carers with minors who are to be placed under foster care in accordance with article 50;".

Emenda tal-artikolu 68 tal-Att prinċipali.

27. L-artikolu 68 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "xi persuna jew entità oħra, dik il-persuna jew entità oħra għandha tagħti avviż dwar din il-proposta lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "xi persuna li ma tkunx qarib jew entità oħra, dik il-persuna jew entità oħra għandha tagħti avviż dwar din il-proposta lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ):" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-arranġamenti proposti jkunu ma' qarib, l-obbligu taħt dan l-artikolu jiskatta meta l-arranġamenti jkunu għal perjodu itwal minn xahrejn (2) jew jekk il-minuri jkun ilu taħt il-ħarsien tagħhom għal xahrejn (2) jew aktar.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "ikollha l-kura u kustodja tiegħu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tipprovdi għall-bżonnijiet u l-benessere tal-minuri";

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "lilha l-kura u kustodja tal-minuri hija adegwata biex ikollha l-kura tiegħu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "biex tieħu ħsieb lill-minuri hija adegwata biex tipprovdi għall-ħarsien tiegħu";

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu l-kliem "Direttur (Protezzjoni Minuri)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)";

(e) fil-proviso għas-subartikolu (9) tiegħu l-kliem "il-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa' f'idejn dik il-persuna jew entità li lilha tkun ġiet fdata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-minuri għandu jibqa' jirrisjedi u taħt il-ħarsien tal-persuna jew entità li tkun hekk ġiet fdata."; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10) Kemm-il darba l-arranġamenti jibqgħu fis-seħħ lil hinn mill-pjan ta' ħarsien, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jeżamina jekk għandux jirreferi l-każ lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex dan tal-aħħar jevalwa ċ-ċirkostanzi u jiddeċiedi jekk għandux jippreżenta talba quddiem il-Qorti għal ordni għall-protezzjoni tal-minuri kif ikun xieraq.".

Emenda tal-artikolu 81 tal-Att prinċipali.

28. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 81 tal-Att prinċipali, il-kliem "għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal żmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur u mhux iżjed minn tliet (3) snin jew multa ta' mhux inqas minn elfejn euro (€2,000) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull persuna li sussegwentement għall-ħarba, tieħu lill-minuri barra minn Malta, jew tgħin jew tassisti lil xi minuri biex jaħrab minn Malta, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sentejn (2) u mhux iżjed minn erba' (4) snin jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Żieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

29. Minnufih wara l-artikolu 87 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Trasferiment ta' kura u kustodja.

88. Il-kura u kustodja ta' dawk il-minuri li hija vestita fil-Ministru wara li nħarġet ordni għall-ħarsien u l-protezzjoni tagħhom skont l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) għandha issa tkun vestita fid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) sakemm fl-ewwel reviżjoni ta' kull każ ma jiġix deċiż li jkun fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tiegħu tkun vestita f'persuna jew entità oħra:

Kap. 285.

Iżda l-kura u kustodja ta' dawk il-minuri mhux akkumpanjati li kienet vestita fil-Ministru wara li kienet ħarġet ordni għall-ħarsien u l-protezzjoni tagħhom skont l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) għandha issa tkun vestita fl-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil.

Kap. 285.

Emendi għall-atti ta' proċeduri pendenti.

89. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jkollu għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni sabiex, b'rikors, jagħmel talba fl-atti ta' kull kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Minorenni mad-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni, biex isiru dawk l-emendi fir-rikorsi u fl-atti tal-kawżi sabiex dawn jiġu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att hekk kif emendat:

Iżda l-Qorti tal-Minorenni għandha żżomm seduta wara li jgħaddi ż-żmien hawn fuq imsemmi sabiex tipprovdi fuq kull rikors li jkun daħal u sabiex jiġu regolati l-atti sabiex jiġu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att hekk kif emendat.

Għotja għall-adozzjoni ta' minuri.

90. Dawk l-għotja għall-adozzjoni ta' minuri li ġew ffirmati mill-Ministru qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikunu kkunsidrati bħala finali u effettivi għall-finijiet u effetti kollha ta' dan l-Att.

Eżenzjoni għall-*foster carers* kurrenti.

91. Minuri li jkunu taħt il-ħarsien ta' *foster carers* għal ħames (5) snin jew aktar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' tliet (3) rapporti pożittivi kif meħtieġ mill-artikolu 54. Dawk il-*foster carers* ikunu jistgħu jipproċedu bl-adozzjoni tal-minuri li hu taħt il-ħarsien tagħhom skont l-artikolu 54 wara li jinfurmaw lid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) bil-miktub bl-intenzjoni tagħhom u l-istess Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) iħejji rapport dettaljat.".

EMENDI KONSEGWENZJALI

Emendi għall-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni. Kap. 287.

30. L-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) l-artikolu 3 tiegħu għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(i) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Bla ħsara għas-subartikolu (1), il-Qorti tal-Minorenni għandha żewġ ġuriżdizzjonijiet, jiġifieri:

(a) il-Qorti tal-Minorenni għandha titqies li hi Qorti tal-Maġistrati u għandu jkollha l-istess ġuriżdizzjoni dwar is-smigħ ta' akkużi kontra tfal u żgħażagħ li l-Qorti tal-Maġistrati, bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u bħala qorti ta' inkjesta, kien ikollha, kieku ma kinux għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull liġi oħra li japplikaw għall-Qorti tal-Maġistrati għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, japplikaw għall-Qorti tal-Minorenni:

Kap. 9.

Iżda wkoll deċiżjonijiet u digrieti interlokutorji tal-Qorti tal-Minorenni għandhom ikunu soġġetti għal appell bl-istess mod u fl-istess żmien bħalma jkun japplika għad-deċiżjonijiet u digrieti interlokutorji tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;

(b) bla ħsara għal kwalunkwe proċeduri preċedenti, il-Qorti tal-Minorenni għandha titqies li hi Qorti tal-Maġistrati b'kompetenza ċivili u għandha titqies li għandha ġuriżdizzjoni ċivili sabiex tieħu konjizzjoni ta' proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' tfal u żgħażagħ skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv)."; u

Kap. 602.

(ii) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu mħassra; u

(b) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tiegħu, minnufih wara l-kelma "quddiemha" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "iżda mhux fil-proċedimenti intavolati skont l-artikolu 3(2)(b)".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 464 tal-24 ta' Mejju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati